MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Numru. 460/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs.**

**Melvin Montesin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Melvin Montesin**, bin Emanuel u Gaetana nee' Magri, imwieled il-Pieta nhar l-14 ta' Jannar 1990 u residenti Binja Hesri, Ent E. Fl5, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, akkuzat talli;

Nhar it-28 ta' April 2012 harab mill-Ghasa ta' Hal Qormi meta dan kien mizmum skont il-ligi u dan bi ksur ta' Artikolu 160 tal-Kapitolu 9.

Fl-istess hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kien qieghed jaqdi

d-doveri tieghu jew ma hallihx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Ikkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta datata 29 ta' Novembru 2010.

Kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' digriet datat id-29 ta' Frar 2012.

Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Melvin Montesin moghti b'digriet mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona LL.D moghti nhar id-29 ta' Frar 2012 minhabba ksur ta' diversi kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, cioé naqas milli jiffirma gewwa l-ghassa ta' Haz-Zebbug nhar id-19 ta' April 2012, 28 ta' April u nhar id-29 ta' April 2012. Nhar it-28 ta' April 2012 kiser il-kundizzjoni tar-rinkazar, meta ma kienx rinkazat gewwa r-residenza hekk indikata fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fil-hin tar-rinkazar u kkommetta reat iehor waqt li kien taht il-helsien mill-arrest, ghalhekk il-Qorti giet mitluba biex tordna l-arrest mill-gdid tal-istess imputat u kif ukoll tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' 5000 euro bhala garanzija personali u din is-somma tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jammett l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma tali l-

ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi l-imputat ghandu problema rigward id-dipendenza tieghu fuq id-droga.

Semghet ukoll lill-imputat jiddikjara li huwa lest li jidhol fi program li jghinu ma jibqghax dipendenti fuq id-droga.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-istess imputat u d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-Ufficjal Prosekutur u mill-imputat fis-seduta tallum rigward id-dipendenza tal-istess imputat fuq id-droga.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 28A, 28B, 49, 50, 160, 289, 338(ee), 579(1), 579(2), 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn u sitt (6) xhur prigunerija, liema perijodu jinkludi l-piena ta' prigunerija ta' sena li kienet giet sospiza ghal tlitt (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fid-29 ta' Novembru 2010 u li *ai termini* ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi reza operattiva b'din is-sentenza.

Il-Qorti qed tirrevoka d-Digriet tad-29 ta' Frar 2012, moghti minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fejn l-imputat gie moghti l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imputat,

In vista tat-terminu ta' prigunerija li qed jigi impost fuq l-imputat ghar-reati li taghhom huwa nstab hati, il-garanzija personali fil-valur ta' € 5000 (hamest'elef Euro) moghti mill-imputat ghall-fini tal-helsien mill-arrest tieghu koncess b'Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 29 ta' Frar 2012, ma ghandhiex tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

In fine, il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandu l-imputat, l-istess imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------